**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Gunju, 2016**

Numru 36

**Rikors Guramentat Nru. 326/2016**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Pierre u Daphne mizzewgin Debono**
**Safe Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-22 ta' April 2016 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' erba' kuntratti, tnejn minnhom in atti n-Nutar Dottor Roberta Bisazza datati 6 ta' Settembru 2011 (Dok. "A" u "B"), u tnejn l-ohra in atti n-Nutar Dottor Victor John Bisazza, datati 29 ta' Marzu 2011 (Dok. "C" u "D") u permezz ta' tlett skritturi privati datati 16 ta' Lulju 2012 (Dok. "E"), 27 ta' Novembru 2013 (Dok. "F") u 30 ta' Jannar 2014 (Dok. "G") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Pierre u Daphne mizzewgin Debono.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Pierre u Daphne mizzewgin Debono fis-somma ta' tmien mija u tnejn u tletin elf, disa' mija u tlieta u tletin ewro u disghin centezmu (€832,933.90) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan, Credit Card Loan u Loan Accounts" ta' Pierre u Daphne mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "H1 sa H2", Dok. "I1 sa I2", Dok."J1 sa J2", Dok. "K", Dok. "L", Dok. "M", Dok. "N" u Dok. "01 sa 02") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Roberta Bisazza datati 6 ta' Settembru 2011 (Dok. "A" u "B") u permezz ta' skrittura privata datata 7 ta' Settembru 2011 (Dok. "P"), is-socjeta Safe Trading Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Pierre u Daphne mizzewgin Debono, id-debiti tal-istess Pierre u

Daphne mizzewgin Debono ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' mitejn u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€224,672.00);

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument 'A', 'B', 'C', 'D', 'E', 'F', 'G' u 'P') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Daphne mizzewgin Debono u s-socjeta Safe Trading Limited:-
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pierre u Daphne mizzewgin Debono u s-socjeta Safe Trading Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti Pierre u Daphne mizzewgin Debono gew interpellati permezz ta' ittri ufficjali datata 24 ta' Gunju 2014 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "Q" u s-socjeta konvenuta Safe Trading Limited giet interpellata permezz ta' ittri ufficjali datata 10 ta' Settembru 2015 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "R" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti 'A', 'B', 'C', 'D', 'E', 'F', 'G' u 'P') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Daphne mizzewgin Debono u s-socjeta Safe Trading Limited (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pierre u Daphne mizzewgin Debono u s-socjeta Safe Trading Limited, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lil Pierre u Daphne mizzewgin Debono jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u tletin elf, disa' mija u tlieta u tletin ewro u disghin centezmu (€832,933.90) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan, Credit Card Loan u Loan Accounts" ta' Pierre u Daphne mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "H1 sa H 2", Dok. "I1 sa I2", Dok."J1 sa J2", Dok. "K", Dok. "L", Dok. "M", Dok. "N" u Dok. "01 sa 02") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna s-socjeta Safe Trading Limited thallas flimkien u in solidum ma' Pierre u Daphne mizzewgin Debono, lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€224,672.00) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Pierre u Daphne mizzewgin Debono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "H1 sa H 2", Dok. "I1 sa I2", Dok."J1 sa J2", Dok. "K", Dok. "L",

Dok. "M", Dok. "N" u Dok. "01 sa 02") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghal sommom ohra ta' flus dovuti mis-socjeta konvenuta Safe Trading Limited lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta' Gunju 2014 u 10 ta' Settembru 2015 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-noti ta’ ammissjoni tas-27 ta’ Gunju 2016 fejn il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil Pierre u Daphne mizzewgin Debono jhallsu lil bank attur is-somma ta' tmien mija u tnejn u tletin elf, disa' mija u tlieta u tletin ewro u disghin centezmu (€832,933.90) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan, Credit Card Loan u Loan Accounts" tal-istess Pierre u Daphne mizzewgin Debono; u lis-socjeta Safe Trading Limited bhala garanti thallas flimkien u in solidum ma' Pierre u Daphne mizzewgin Debono, lil bank attur sas-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sebghin ewro (€224,672.00) bilanc minn somma akbar ghad-debiti fuq imsemmija ta' Pierre u Daphne mizzewgin Debono skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Frar 2016 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur